**QORTI TAL-APPELL**
**(KOMPETENZA INFERJURI)**
**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**
**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 28 ta' Frar 2024**

Numru 18

**Appell Nru. 47/2023**

**Giorgio Filippi**
**vs**
**L-Awtorita tal-Ippjanar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Awtorita tal-Ippjanar tal-11 ta' Dicembru 2023 li fih irrelevat illi l-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi ma tidhirx fl-okkju tad-decizjoni tat-Tribunal ghalkemm kienet parti fil-proceduri u talbet li tigi notifikata bl-atti tal-appell biex tkun tista' tirrispondi jew tissejjah fl-appell skont l-artikolu 961 tal-Kap. 12.

L-appellanti opponew ghal din it-talba billi qalu li hemm ammissjoni li s-sentenza tat-Tribunal hi difettuza u ghalhekk nulla billi qed jigi allegat li l-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi kellha tkun parti u jidher li mhix parti fid-decizjoni tat-Tribunal. Ghalhekk appell ma jistax jigi notifikat lil xi hadd mhux parti. F'kull kaz it-talba li tissejjah fil-kawza hi inammissibli billi l-artikolu 961 tal-Kap. 12 ma jistax jigi applikat biex jigi imsejjah fil-kawza terz quddiem il-Qorti tal-Appell.

L-appellanti ma ghandhomx ragun fl-oggezzjoni li saret. Jirrizulta illi f'seduta bikrija quddiem it-Tribunal fl-1 ta' Settembru 2016 giet imsejha fil-proceduri l-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi u fil-fatt l-istess Awtorita ppartecipat fil-proceduri quddiem it-Tribunal bla ma tqajmet ebda oggezzjoni da parti ta' xi parti fil-proceduri.

Hu minnu illi meta nghatat id-decizjoni l-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi ma issemmietx fl-okkju. Dan ma jfissirx li d-decizjoni hi nulla izda biss li ghandha issir korrezzjoni fl-okkju tad-decizjoni tat-Tribunal biex jirrifletti b'mod car li l-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi kienet parti. Bis-sahha tal-artikolu 175(2) tal-Kap. 12 tali korrezzjoni fl-okkju tista' issir u fil-fatt din il-Qorti qed tordna li l-okkju jigi korrett biex jirrifletti l-partijiet kollha quddiem it-Tribunal.

Taqbel ghalhekk mal-ewwel talba tar-rikorrenti illi l-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi ghandha tigi notifikata bir-rikors tal-appell tal-appellanti biex jinghataw il-fakolta li jirrispondu ghall-appell.

Ghalhekk prevja l-korrezzjoni mehtiega u ordnata li issir fl-okkju tad-decizjoni tat-Tribunal, tilqa' l-ewwel talba tal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex l-Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi tigi notifikata bir-rikors tal-appell tal-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur